

Paġna Ewlenija > Taħriġ, Networks Ġudizzjarji U Aġenziji > Belgium

Taħriġ inizjali tal-avukati fl-Unjoni Ewropea

Belġju

Il-kontenut ipprovdut
minn
Belġju



Il-Kamra tal-Avukati Belġjana tikkonsisti fl-“Orde van Vlaamse Balies” (tal-Komunità Fjamminga), l-organizzazzjoni umbrella tat-8 kmamar tal-avukati lokali Fjammingi u l-“Ordre des Barreaux francophones et germanophone” (kmamar tal-avukati tal-komunità li titkellem bil-Franċiż u bil-Ġermaniż), l-organizzazzjoni umbrella tal-10 kmamar tal-avukati lokali tal-komunità li titkellem bil-Franċiż u kamra tal-avukati waħda tal-komunità li titkellem bil-Ġermaniż, b’kull kamra tal-avukati għandha skemi differenti ta’ taħriġ inizjali tal-avukati

[Assoċjazzjoni tal-avukati Fjamminga “Orde van Vlaamse Balies”](#)

[L-Assoċjazzjoni tal-kmamar tal-avukati tal-komunità li titkellem bil-Franċiż u bil-Ġermaniż “Ordre des Barreaux francophones et germanophone”](#)

L-aħħar aġġornament: 24/06/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Kamra tal-Avukati Fjamminga

Deskrizzjoni ġenerali

It-taħriġ inizjali huwa offrut, jekk iva huwa obbligatorju?

It-taħriġ inizjali huwa obbligatorju u huwa organizzat mill-“Orde van Vlaamse Balies” (OVb) innifisha, permezz ta' kummissjoni magħmula minn żewġ rappreżentanti ta' kull waħda mit-tmien kmamar tal-avukati li huma kollha membri tal-OVB. Hemm fames dipartiment lokali li jsegwu l-organizzazzjoni Prattika tat-taħriġ inizjali.

It-taħriġ inizjali jiddistingwi bejn kategoriji ta' trainees, eż. għal avukati interni u avukati?

It-taħriġ inizjali organizzat mill-OVB huwa applikabbli biss għall-avukati trainees (li wara jistgħu jirreġistraw fuq it-tableau għall-avukati), u mhux għall-avukati interni.

Liema entitajiet huma responsabbli għall-organizzazzjoni tat-taħriġ inizjali?

L-iskola tat-traineeships hija responsabbli għall-organizzazzjoni tat-taħriġ.

X'inhi l-bażi statutorja għat-taħriġ inizjali?

Il-bażi statutorja għat-taħriġ inizjali hija pprovduta mill-Artikolu 495 tal-Kodiċi Ġudizzjarju:

“L’Ordre des Barreaux francophones et germanophone et l’Orde van Vlaamse Balies ont, chacune en ce qui concerne les barreaux qui en font partie, pour mission de veiller à l’honneur, aux droits et aux intérêts professionnels communs de leurs membres et sont compétentes en ce qui concerne l’aide juridique, le stage, la formation professionnelle des avocats-stagiaires et la formation de tous les avocats appartenant aux barreaux qui en font partie.”

It-taħriġ huwa rregolat fil-[Kodiċi tal-Etika](#) tagħna (Artikoli 40 – 51 *bis*) fuq il-bażi tal-liġi msemmija hawn fuq.

Aċċess għat-taħriġ inizjali

Hemm kundizzjonijiet għall-aċċess għat-taħriġ?

Edukazzjoni għolja/edukazzjoni universitarja

Lawrja fil-liġi hija obbligatorja

Reġistrazzjoni mal-Kamra tal-Avukati:

- Il-kontroll/il-verifika ta’ diploma
- L-evalwazzjoni mill-Kamra tal-Avukati ta’ applikazzjoni bil-miktub ippreżentata mill-applikant. Il-persuna li tixtieq issir avukat trid tibgħat applikazzjoni lill-Kamra tal-Avukati u tippreżenta d-dokumenti kollha meħtieġa li juru li r-rekwiżiti kollha (bħall-kisba ta’ diploma ta’ Masters fil-Liġi, id-data tal-ġurament, eċċ.) huma ssodisfati.
- Eżami tal-aptitudni (eżami bil-miktub + evalwazzjoni ta’ kawża). Dan l-eżami tal-aptitudni jissejjaħ il-B.U.B.A. (“Bewaamheidsattest tot het uitoefenen van het beroep van advocaat”, tradott b’mod liberu bħala “ċertifikat ta’ kompetenza għall-prattika tal-professjoni ta’ avukat”). Dan l-eżami jsir matul l-ewwel sena tal-internship tat-trainee. F’xi każijiet, qabel ma jkunu jistgħu jibdew internship, xi gradwati ġodda jridu jgħaddu minn eżami ta’ għarfien fil-liġi Belġjana. Dan huwa applikabbli għal persuni mhux Belġjani li jkunu temmew l-istudji tagħhom fi Stat Membru ieħor jew għal persuni Belġjani li jkunu għamlu l-istudji tagħhom kollha jew parti minnhom fi Stat Membru ieħor (huwa, pereżempju, komuni li l-istudenti tal-liġi fir-reġjun tal-fruntiera ta’ Limburg u n-Netherlands itemmu l-lawrja tal-Bachelorat tagħhom fil-Belġju u mbagħad jiksbu l-lawrja tal-Masters tagħhom fin-Netherlands).

X’inhi l-proċedura ewlenija ta’ reklutaġġ? Jekk hija kompetittiva - min imexxiha?

L-avukati trainee kandidati jridu jipprovdu d-dokumenti deskritti fl-Artikolu 26 tal-Kodiċi Deontologiku lis-segretarjat tal-Kunsill tal-Kamra tal-Avukati. Meta jieħdu l-ġurament, huma jitolbu abbonament mal-Kamra tal-Avukati tal-post fejn jinsab l-uffiċċju tagħhom. Huma jistgħu jirreġistraw mal-kmamar tal-avukati l-oħra kollha wkoll, jekk jagħżlu li jkollhom uffiċċju sekondarju fil-ġurisdizzjoni ta’ dawn il-kmamar tal-avukati. Meta l-Kunsill tal-Kamra tal-Avukati japprova l-applikazzjoni, it-trainees jiġdiedu mal-lista ta’ trainees u jirċievu aċċess għas-sit web privat tal-Kamra tal-Avukati, fejn jistgħu jabbonaw għat-taħriġ inizjali. Il-proċedura mhijiex kompetittiva.

Hemm rotot ta’ aċċess alternattivi għat-taħriġ?

Rotot alternattivi għall-professjoni: LE

L-unika eċċezzjoni hija d-Direttiva 98/5/KE tas-17 ta’ Frar 1998 (għal avukati li jipprattikaw fil-Belġju, li kisbu kwalifiki fi Stat Membru ieħor).

Il-format u l-kontenut tat-taħriġ inizjali

X’inhuma d-durata u l-perjodi ta’ żmien tat-taħriġ?

Mill-inqas 3 snin.

Ma hemm l-ebda stadju differenti.

Kif jiġi organizzat it-taħriġ?

It-traineeship idur 3 snin u jiġi mmonitorjat mill-prinċipal superviżorju. It-taħriġ professjonali (fl-ewwel 18-il xahar tat-traineeship) huwa organizzat mill-iskola tat-traineeships tal-OVB.

Min huma l-ħarrieġa?

Avukati u ħarrieġa professjonali.

X'inhuma l-kontenut u l-oġettivi tat-taħriġ inizjali?

- Apprendistat taħt is-superviżjoni ta' prattika privata
- Taħriġ fil-liġi b'kurrikulu speċifiku komuni għall-avukati trainees kollha
- Taħriġ dwar ħiliet professjonali mhux legali (eż. il-komunikazzjoni, il-ġestjoni tal-uffiċċju, eċċ.)
- Taħriġ dwar ħiliet professjonali legali (eż. l-abbozzar ta' talbiet, ħidma ma' klijenti, eċċ.)
- Il-proċeduri ġudizzjarji u l-organizzazzjoni ġudizzjarja
- Il-liġi kriminali u l-proċedura kriminali
- Il-proċedura tal-liġi amministrattiva
- Il-liġi tal-familja
- Il-liġi tax-xogħol
- Il-liġi kummerċjali u l-liġi tal-falliment
- Il-liġi tas-settur finanzjarju
- Ir-regoli tal-etika
- Il-kontabbiltà tan-negożji

Min ifassal il-programmi ta' taħriġ inizjali?

L-iskola tat-traineeships tal-OVB.

Liema metodoloġija tintuża għat-taħriġ?

Tagħlim elettroniku

Seminars prattiċi

Eżamijiet

Liema elementi prattiċi tat-taħriġ huma applikabbli għat-trainees?

L-avukat-trainee jieħu l-ġurament u konsegwentement għandu l-istess responsabbiltajiet bħal avukati oħra. Naturalment, huwa se jkun assistit mill-prinċipal superviżorju tiegħu. Id-drittijiet u d-dmirijiet tat-trainee jissemew fil-kapitoli msemmija hawn fuq tal-Kodiċi ta' Etika tal-OVB.

Kif jiġu evalwati/ivvalutati t-trainees? Kemm-il darba u minn min?

L-avukati trainees jiġu evalwati f'okkażjonijiet differenti:

- Rapport tal-prinċipal superviżorju tagħhom (fi tmiem it-traineeship tagħhom jew bidla fl-uffiċċju matulu)
- Eżamijiet, organizzati mill-OVB u mfassla mill-għalliema (l-etika, il-liġi proċedurali ċivili, il-liġi proċedurali kriminali): L-eżamijiet isiru fl-istess jum u siegħa (l-aktar fil-bidu ta' April, bi tliet eżamijiet ippjanati kif ġej: wiehded nhar ta' Tnejn, wiehded nhar t'Erbgħa u wiehded nhar ta' Ġimgħa), f'ambjent ikkontrollat online.
- Parteċipazzjoni attiva matul il-lezzjonijiet, ivvalutata mill-għalliema
- Dokumenti, ivvalutati mill-membri tal-iskola tat-traineeships
- Parteċipazzjoni f'eżerċizzji tal-moot court, ivvalutati minn ġurija li tinkludi avukati u maġistrati
- Ġestjoni ta' kawżi *pro deo*, ivvalutata mill-bureau għall-assistenza legali.

Hemm xi attivitajiet ta' taħriġ imwettqa flimkien ma' professjonisti legali oħra? Jekk iva: Kif jaħdem il-proċess?

Le.

X'inhuma l-ispeċifikitajiet rigward it-taħriġ fil-liġi tal-UE, it-taħriġ lingwistiku u l-komponenti Ewropej tat-taħriġ inizjali, pereżempju l-parteċipazzjoni f'attivitajiet tas-CCBE jew tal-ELF?

Le.

Kemm-il trainee jiġi aċċettat għat-taħriġ? L-għadd ta' trainees huwa aġġustat kull sena u minn min?

FI-2021-2022, total ta' 599 trainee bdew bit-taħriġ professjonali. Dan in-numru jvarja kull sena u ma hemm l-ebda limitazzjoni.

Terminazzjoni tal-proċess ta' taħriġ u kwalifika inizjali

It-taħriġ inizjali jikkonkludi b'eżami finali? Kif jiġi organizzat? Min hu responsabbli għall-eżami?

It-trainee jiġi evalwat b'modi differenti (l-Artikolu 48 tal-Kodiċi): eżamijiet, komponimenti u evalwazzjoni permanenti (eż. kors dwar il-komunikazzjoni bil-miktub). Meta jgħaddi b'suċċess mill-eżamijiet, it-trainee jirċievi ċertifikat ta' kompetenza mill-OVB. Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 5 snin (l-Artikolu 49).

L-iskola tat-traineeships hija kompetenti biex tiddeċiedi dwar il-format u l-kontenut tal-eżamijiet u l-evalwazzjonijiet (l-Artikolu 43).

Hemm proċedura oħra ta' reklutaġġ biex wieħed isir avukat mat-tlestija tat-taħriġ inizjali?

Iva, it-trainee jkollu jwettaq eżerċizzju obligatorju ta' sottomissjoni u jippreżenta l-parteċipazzjoni tiegħu lill-bureaus ta' assistenza legali. Il-kmamar tal-avukati lokali jistgħu jagħmlu rekwiżiti addizzjonali.

L-Artikolu 25 tal-Kodiċi:

It-traineeship huwa t-taħriġ li l-avukati jagħmlu qabel ma jiġu inklużi fir-reġistru tal-avukati u li għandu l-għan li jħarrigħom biex ikunu avukati kompetenti u indipendenti, li jkunu jafu l-etika, jirrispettaw il-privileġġ professjonali u d-dmirijiet essenzjali ta' indipendenza u parzjalità, jevitaw kunflitti ta' interess u jkunu kompetenti fil-prinċipji tad-dinjità, il-ġustizzja u d-diskrezzjoni li huma l-bażi tal-professjoni ta' avukat.

Dan it-taħriġ għandu diversi partijiet, inkluż it-taħriġ minn prinċipal superviżorju f'ditta legali, il-kisba ta' ċertifikat ta' kompetenza professjonali u l-issodisfar tal-obbligi imposti mill-Kunsill tal-Kamra tal-Avukati Fjamminga jew mill-Kunsill tal-Kamra tal-Avukati li għalih jappartjeni t-trainee.

■ L-aħħar aġġornament: 19/06/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhix fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.

Assoċjazzjoni tal-avukati li titkellem bil-Franċiż u bil-Ġermaniż

Deskrizzjoni ġenerali

It-taħriġ inizjali huwa offrut, jekk iva, huwa obligatorju?

Iva, biex ikun irreġistrat ma' Kamra tal-Avukati, avukat trainee jrid isegwi korsijiet ta' taħriġ professjonali u jgħaddi mill-eżami organizzat mill-Kodiċi tal-Etika (ara hawn taħt).

It-taħriġ inizjali jiddistingwi bejn kategoriji ta' trainees, eż. għal avukati interni u avukati?

F'dan il-każ, ir-risposti għal dan il-kwestjonarju jikkonċernaw biss it-taħriġ inizjali tal-avukati.

Liema entitajiet huma responsabbli għall-organizzazzjoni tat-taħriġ inizjali?

It-taħriġ professjonali għall-avukati huwa organizzat miċ-ċentri ta' taħriġ professjonali (ara hawn taħt għal aktar żviluppi).

X'inhi l-bażi statutorja għat-taħriġ inizjali?

[Kodiċi ta' Kondotta għall-Avukati](#) - Artikoli 3.14 et seq.

[Kodiċi Ġudizzjarju](#) - Artikolu 434.

Aċċess għat-taħriġ inizjali

Hemm kundizzjonijiet għall-aċċess għat-taħriġ?

Kundizzjonijiet għall-aċċess għall-professjoni ta' avukat:

"Ħadd ma jista' jkollu t-titolu ta' avukat jew jipprattika l-professjoni ta' avukat sakemm ma jkunx Belġjan jew ċittadin ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea, ikollu lawrja ta' dottorat jew master fil-liġi, ikun ħa l-ġurament imsemmi fl-Artikolu 429 jkun irreġistrat mal-Kamra tal-Avukati jew fil-lista ta' trainees" (l-Artikolu 428 tal-Kodiċi Ġudizzjarju)

Fir-rigward tat-taħriġ inizjali:

"Sabiex ikun irreġistrat ma' Kamra tal-Avukati, it-trainee jrid isegwi korsijiet ta' taħriġ professjonali u jgħaddi mill-eżami organizzat mill-Kodiċi tal-Etika" (l-Artikolu 3.14 tal-Kodiċi tal-Etika għall-Avukati).

X'inhi l-proċedura ewlenija ta' reklutaġġ? Jekk hija kompetittiva - min imexxiha?

/

Hemm rotot ta' aċċess alternattivi għat-taħriġ?

Le

L-unika eċċezzjoni hija d-Direttiva 98/5/KE tas-17 ta' Frar 1998 (għal avukati li jipprattikaw fil-Belġju li kisbu kwalifiki fi Stat Membru ieħor).

Il-format u l-kontenut tat-taħriġ inizjali

X'inhuma d-durata u l-perjodi ta' żmien tat-taħriġ?

"Sabiex jiġi rreġistrat mal-Kamra tal-Avukati, huwa meħtieġ, soġġett għall-applikazzjoni tal-Artikolu 428a(2), li jkun temm perjodu ta' taħriġ ta' tliet snin" (l-Artikolu 434 tal-Kodiċi Ġudizzjarju).

Ara l-Artikolu [3.14 et seq.](#) tal-Kodiċi tal-Etika għall-kontenut tas-snin ta' taħriġ (korsijiet, eżamijiet, obbligi ta' taħriġ).

Kif jiġi organizzat it-taħriġ?

It-taħriġ huwa organizzat internament skont l-Artikolu 3.23 tal-Kodiċi tal-Etika.

It-taħriġ professjonali legali inizjali huwa organizzat miċ-ċentri ta' taħriġ professjonali. Ġew stabbiliti 4 ċentri ta' taħriġ professjonali, li jinkludu l-Kmamar tal-Avukati li ġejjin: Brussell; Namur-Dinant-Luxembourg; Charleroi-Mons-Brabant Wallon-Tournai; Liège-Eupen-Huy-Verviers.

Id-Direttur taċ-Ċentru ta' Taħriġ professjonali għandu jorganizza u jikkoordina korsijiet ta' taħriġ u eżamijiet professjonali legali.

Min huma l-ħarrieġa?

L-għalliema huma avukati rreġistrati mal-Kamra tal-Avukati, irreġistrati ma' waħda mill-assoċjazzjonijiet tal-kmamar tal-avukati taħt il-ġurisdizzjoni taċ-Ċentru ta' Taħriġ professjonali. Huma jgħallmu fuq bażi volontarja u xi drabi jaħdmu f'pari ma' maġistrati speċjalizzati fis-suġġett mgħalliem.

Għalhekk huma ħarrieġa minbarra l-professjoni tagħhom ta' avukat.

Huma ċ-ċentri ta' taħriġ professjonali li jimmaniġġjaw dawn is-suġġetti.

X'inhuma l-kontenut u l-oġġettivi tat-taħriġ inizjali?

L-ewwel sena ta' traineeship (l-Artikolu 3.14 tal-Kodiċi tal-Etika)

Il-kors u, sakemm ma jkunx previst speċifikament, l-eżami għandhom jikkonsistu fi programm ta' 84 siegħa li jinkludi s-suġġetti li ġejjin:

1° etika (16-il siegħa),

2° il-prattika tal-proċedura ċivili (16-il siegħa),

3° il-prattika tal-proċeduri kriminali, inkluża d-difiża ta' persuni m'caħħda mil-libertà jew mismugħa mill-pulizija, l-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku jew imħallef inkwirenti (16-il siegħa),

4° il-prattika tal-proċedura amministrattiva (8 sigħat),

5° għajjnuna legali (8 sigħat),

6° obbligi tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali li jirriżultaw mill-Kodiċi tal-Liġi Ekonomika u fir-rigward tal-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus (8 sigħat),

7° forom alternattivi ta' soluzzjoni tat-tilwim (8 sigħat),

8° l-għodod tal-IT disponibbli għall-avukati (4 sigħat)

It-tieni u t-tielet sena ta' traineeship (l-Artikolu 3.14a tal-Kodiċi tal-Etika)

Trainee li jkun kiseb iċ-ċertifikat ta' kompetenza għall-professjoni ta' avukat f'konformità mal-Artikolu 3.16 (1) għandu, matul it-tieni u t-tielet sena tat-traineeship tiegħu, jattendi korsijiet ta' taħriġ professjonali prattiku relatati ma':

1° etika (minimu ta' 12-il siegħa),

2° id-dritt Ewropew, inkluża l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (minimu ta' 12-il siegħa),

3° għal minimu ta' 24 siegħa, suġġett wieħed jew aktar mhux eżawrjenti magħżula mill-għażliet li ġejjin:

- id-drittijiet taż-żgħażagħ (minimu ta' 8 sigħat),
- amministrazzjoni proviżorja ta' proprjetà u persuni (minimu ta' 8 sigħat),
- il-liġi tal-barranin (minimu ta' 8 sigħat),
- il-liġi kriminali dettaljata, inkluż l-eżekuzzjoni tas-sentenzi u l-qorti għall-eżekuzzjoni tas-sentenzi (minimu ta' 8 sigħat),
- il-liġi dwar l-insolvenza (persuni fiżiċi u ġuridiċi) (minimu ta' 8 sigħat),
- id-dritt għas-sekwestru u għall-eżekuzzjoni (minimu ta' 8 sigħat), – il-liġi tal-familja (minimu ta' 8 sigħat),
- il-qari tal-karti tal-bilanċ u tal-kontijiet annwali (minimu ta' 8 sigħat),
- id-dritt għar-responsabbiltà u l-kumpens għal korrimment personali, inkluż il-Fond għall-kumpens għall-vittmi ta' atti ta' vjolenza intenzjonali (minimu ta' 16-il siegħa),
- il-liġi tax-xogħol u tas-sigurtà soċjali (minimu ta' 16-il siegħa)".

Għandhom jieħdu sehem ukoll, għal minimu ta' 4 ijiem, f'seminar wieħed jew aktar iddedikati, b'mod partikolari,

għall-komunikazzjoni bil-miktub, għall-komunikazzjoni verbali, għall-komunikazzjoni fir-rigward tal-media, għar-rappreżentanza, għal-laqgħat, għan-negożjar, għal-liġi kollaborattiva, għall-medjazzjoni, għall-medjazzjoni, għall-avukati u l-medjazzjoni, eċċ.

Ċerti korsijiet ta' taħriġ speċifiċi organizzati miċ-ċentri ta' taħriġ professjonali li jippermettu lit-trainee jsegwi x-xogħol ta' membru ta' professjoni oħra jistgħu jiġu assimilati minn dawn iċ-Ċentri.

Min ifassal il-programmi ta' taħriġ inizjali?

L-Artikolu 3.24 tal-Kodiċi tal-Etika

"Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Ordre des barreaux francophones et germanophone li jieħu dawk l-inizjattivi li jqis utli sabiex jistandardizza r-rekwiżiti u l-kontenut tat-taħriġ inizjali, kull ċentru ta' taħriġ professjonali għandu jadotta l-għanijiet u l-kontenut tat-taħriġ professjonali inizjali, kif ukoll kwalunkwe regola proċedurali, wara konsultazzjoni mal-Bord Maniġerjali tal-Ordre des barreaux francophones et germanophone u, meta ċ-ċentru ta' taħriġ professjonali jkun komuni għal iktar minn Kamra tal-Avukati waħda, il-membri tiegħu. Huwa għandu jiddeċiedi dwar il-kwistjonijiet addizzjonali proposti lit-trainee u jista' jagħmilhom obbligatorji".

Liema metodoloġija tintuża għat-taħriġ?

Ara t-tweġiba għal "[X'inhuma l-kontenut u l-oġettivi tat-taħriġ inizjali](#)" hawn fuq.

Liema elementi prattiċi tat-taħriġ huma applikabbli għat-trainees?

Ara t-tweġiba għal "[X'inhuma l-kontenut u l-oġettivi tat-taħriġ inizjali](#)" hawn fuq.

Kif jiġu evalwati/ivvalutati t-trainees? Kemm-il darba u minn min?

L-ewwel sena ta' traineeship:

Ara l-Artikolu 3.16:

Fl-ewwel sessjoni wara t-tlestija tal-kors, it-trainee jrid jagħmel it-test (= ċertifikat ta' aptitudni għall-professjoni ta' avukat), li jikkonsisti f'mistoqsija bil-miktub dwar il-kwistjonijiet li ġejjin (proċedura ċivili, proċedura kriminali, proċedura amministrattiva, organizzazzjoni tal-kabinett u obbligi tat-taxxa, għajnuna legali) u mistoqsija orali dwar il-kors tal-etika.

+ l-Artikolu 3.18:

"L-eżamijiet bil-miktub imsemmija fl-Artikoli 3.16 (1) u 3.17 (1) għandhom jiġu organizzati b'mod konġunt miċ-ċentri ta' taħriġ professjonali. L-eżami tal-etika orali għandu jiġi organizzat minn kull ċentru ta' taħriġ professjonali abbażi ta' panel ta' mistoqsijiet imfassal mill-O.B.F.G., taħt id-direzzjoni tad-direttur tal-O.B.F.G. responsabbli għall-etika."

Fir-rigward tal-punteġġ:

Trainee li jkun kiseb punteġġ ta' mill-inqas 10 minn 20 fis-suġġetti kollha għandu jingħata ċ-ċertifikat ta' kompetenza biex jipprattika bħala avukat. Huwa jista' wkoll jingħata dan iċ-ċertifikat mill-bord tal-għażla jekk ikun kiseb punteġġ ta' 10 minn 20 f'mill-inqas ħames suġġetti u medja ta' 50 % tal-punti għas-suġġetti kollha.

It-tieni u t-tielet sena ta' traineeship:

Ara l-Artikolu 3.14a

- kors
- seminars

Il-parteċipazzjoni f'kursijiet u seminars hija obbligatorja u hija obbligu tat-traineeship.

Hemm xi attivitajiet ta' taħriġ imwettqa flimkien ma' professjonisti legali oħra? Jekk iva: Kif jaħdem il-proċess?

L-Artikolu 3.2 tal-Kodiċi tal-Etika

"Perjodu ta' traineeship imwettaq barra mill-pajjiż ma' ditta tal-avukati, f'impriża ma' avukat intern jew bħala segretarju ġudizzjarju ta' qorti internazzjonali, jista' jittieħed inkunsiderazzjoni għad-durata tal-perjodu tat-traineeship, suġġett għat-tliet kundizzjonijiet li ġejjin:

- *it-trainee jrid ikun temm sena traineeship u, matul dak il-perjodu, ikun issodisfa l-obbligi tiegħu;*
- *it-trainee jrid ikun kiseb l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-lokatur;*
- *it-trainee jrid ikun ipprova lil-lokatur b'rapport dettaljat dwar l-attivitajiet tiegħu matul il-perjodu inkwistjoni.*

Dan ir-rapport irid jiġi approvat mis-superviżur(i) tat-traineeship tiegħu, mill-avukat intern li miegħu jkun temm it-traineeship tiegħu jew mill-maġistrat li kien segretarju legali tiegħu".

Din id-dispożizzjoni bħalissa qed tiġi riveduta bil-ħsieb li possibilment jiġu estiżi l-possibbiltajiet ta' sekondar.

X'inhuma l-ispeċifitajiet rigward it-taħriġ fid-dritt tal-UE, it-taħriġ lingwistiku u l-komponenti Ewropej tat-taħriġ inizjali, pereżempju l-parteċipazzjoni f'attivitajiet tas-CCBE jew tal-ELF?

Din hija t-tieni sena tal-kors tat-traineeship (ara l-Artikolu 3 (14a)).

Id-dritt Ewropew, inkluża l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (minimu ta' 12-il siegħa)

Kemm-il trainee jiġi aċċettat għat-taħriġ? L-għadd ta' trainees huwa aġġustat kull sena u minn min?

Terminazzjoni tat-taħriġ inizjali u tal-proċess ta' kwalifika

It-taħriġ inizjali jikkonkludi b'eżami finali? Kif jiġi organizzat? Min hu responsabbli għall-eżami?

Ara t-tweġiba għall-mistoqsija 3.8

Wara li jgħaddi mit-test tal-CAPA u jissodisfa l-obbligi ta' traineeship tiegħu f'konformità mal-Kodiċi tal-Etika, it-trainee japplika għand il-Kunsill tal-Kamra tal-Avukati tiegħu għall-ammissjoni fil-Kunsill tal-Kamra tal-Avukati.

Hemm proċedura oħra ta' reklutaġġ biex wieħed isir avukat mat-tlestija tat-taħriġ inizjali?

/

 L-aħħar aġġornament: 23/06/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhix fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.